MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 640/2004

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**George u Carmen mizzewgin Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu s-somma ta' erbat elef u sittax-il Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm4016.93) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' George u Carmen mizzewgin Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Settembru 2004 sal-jum tal-pagament effettiv, liema 'Loan Account' gie moghti lill-konvenut permezz ta' skrittura privata datata 25 ta' Marzu, 1999 (Dok 'B').

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u

cioe' Dok B partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti George u Carmen mizzewgin Mifsud (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, u (b) kienu adempjenti f'obbligi ohra mill-atturi assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Jannar, 2003 (Dok C) u tal-Mandat ta' Sekwestru u Qbid li gew prezentati mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz minn fol 2 sa fol 7 tal-atti u markati Dok 'A', Dok 'B' u Dok 'C'.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet attrici, liema nota giet prezentata, ilum stess 'seduta stante'.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm4016.93 bl-imghax ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Settembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar, 2003 u tal-mandati kawtelatorji ta' sekwestru u qbid tal-17 ta' Novembru 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------